MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA) BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR. ANTONIO MIZZI

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2003

Numru 804/2003

Il-Pulizija
(Sp Mario Tonna)
vs
Paul Vella, iben George,
imwieled Pieta' fit-22 ta'
mejju, 1985
u
Matthew Farrugia, iben Joseph,
imwieled Pieta' fil-21 ta' frar,
1986

Il-Qorti,
Rat l-akkuži kontra l-imputati –
1. talli fit-28 ta' settembru, 2003 għal ħabta tal-11.00 p.m. ġewwa Triq l-Olejandru, San Ġiljan ittanataw li jikkomettu serq minn ġewwa vettura tal-għamla Seat Ibiza, bin-numru tar-reġistrazzjoni AAI 897, għad-dannu ta' Andrew Tabone minn San Ġiljan liema attentat ta' serq ma seħħx

minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tagħhom, li hu aggravat bil-ħin, bil-valur u bix-xorta tal-ħaġa misruqa;
2. talli fl-istess lok, data u ħin volontarjament ħassru jew għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe' fuq il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni AAI 897, tal-għamla Seat Ibiza, għad-dannu ta' Andrew Tabone minn San Ġiljan, liema ħsara tiskorri l-ħamsin liri maltin iżda ma tisskorriex il-ħames mitt liri maltin (il-ħsara hi ta' Lm73.75).

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta' settembru, 2003 fejn il-Qorti ġiet infurmata li
l-imputati ħallsu d-danni lil Andrew Tabone.

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta' settembru, 2003 fejn l-imputati ammettew l-akkużi miġjuba kontra tagħhom.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputati u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputati ħatja tal-akkużi miġjuba kontra tagħhom ħlief għall-aggravju tal-valur fl-ewwel akkuża li minn tali aggravju jiġu liberati. Rat l-artikoli 41(1)(a), 261(f)(g), 270, 271(g), 281(a) u 325(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali. Rat
il-fedina penali netta ta' l-imputati, l-eta' tagħhom, il-fatt li ħallsu d-danni, li kkolaboraw mal-pulizija u li ammettew il-ħtija tagħhom fl-ewwel seduta ta' din
il-kawża. Għalhekk, ma tikkundannahomx għal piena karċerarja iżda tilliberhom taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmlux reat ieħor fi żmien tmintax il-xahar mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------